# STUDJU KRITIKU FUQ "IL-ĦAJJA NŻUL U TLAJJA'" TA' ĠUŻE' CHETCUTI

Minn GEORGE DOUBLESIN

L-insistenza li biha jissemmew l-imrar u n-niket fil-kummenti fuq il-poeżiji li jifformaw il-ġabra "Il-Ħajja Nżul u Tlajja' " ta' Ġużè Chetcuti, turi li ċerti suġġetti u aspetti li jittratta l-poeta ġew injorati. Minn klassifikazzjoni skond is-suġġett li għamilt tal-poeżiji ħareġ il-fatt li Chetcuti f'din id-damma għandu aktar minn għaxar poeżiji fejn juri s-sbuħija tal-ħajja, u għadd ġmielu ta' poeżiji ta' natura ottimista.

Iżda huwa fatt li mbagħad hemm oħrajn ta' swied il-qalb u rimors. Aktarx ukoll li dawn jikkostitwixxu l-aħjar poeżiji tal-ġabra u għalhekk meta l-qarrej jagħlaq il-ktieb lilhom l-aktar li jibqa' jiftakar. Chetcuti għandu numru ta' poeżiji fuq il-motif "ubi sunt". Waħda minnhom jisimha "Fil-Għabex tal-Ħajja" fejn il-poeta li fiż-żmien meta ħareġ il-ktieb (1964) kellu madwar ħamsin sena jħares lura u ma jarax ħlief "weraq jidbielu". Fil-poeżija sfortunatament ġieli niltaqgħu mal-kliem tas-soltu "is-snin imwarrda ta' ħajti, jinbarmu mar-riħ" iżda mbagħad Chetcuti jagħlaq bit-tixbiha friska u qawwija:

Il-lum il-ġnien jaħasra
li kien ifewwaħ bil-ward u l-frott
sar ċimiterju ta' ħolm.

Ma naħsibx li jkun eżatt jekk wieħed igħid "l-inkwiet li l bniedem iħoss għax il-ħajja qiegħda tgħiblu". Aħjar wieħed juża' niket flok inkwiet għax il-bniedem ma jinkwetax għal dak li hu inevitabbli. Fuq l-istess suġġett hija mibnija "Liż-Żgħużija" li fiha l-istess difetti u l-istess merti tal-poeżija l-oħra — jiġifieri vrus illum għajjien għax għaddew minn bosta pinen fejn il-poeta jxebbaħ iż-żgħużija ma' ward imlewwen u gliegel t'ilma. Iżda mbagħad Chetcuti bħallikieku jiġi mnebbaħ u jagħtina l-metafra "susa taż-żmien".

Il-fakra taż-żmien li għadda, iqanqal mhux biss niket iżda ġieli wkoll sogħba għal żbalji li setgħu ma sarux u għal ġid li seta' sar u ma sarx. Hekk Ġużè Chetcuti f'"Għaddiet Sena Oħra" jilmenta "tiżki din ir-ruħ iż-żmien li ħlejt/meta staqt nagħmel aktar ġid/u nnissel aktar hena". Kien ikun xieraq li l-poeta jkompli jżomm nota ta' umiltà f'poeżija bħal din. Iżda lil Chetcuti tiżloqlu nota ta' tifħir u jgħid "hu minnu li jien ħdimt/forsi ftit aktar minn ħaddieħor". F'din il-poeżija wkoll għandna nsibu nota oriġinali fit-tixbiha.

Minn bejn il-ħjut tax-xita rqiqa
nilmaħ bħal tikek żgħar ta' dawl imċajpra:
dawk huma s-snin l'għaddew.........

Fil-poeżija "Kieku Kont Iżgħar" il-poeta jibqa' fuq l-istess suġġett ta' "O żmien ħelu kif għaddejtli" iżda jdaħħal miegħu il-fatt li l-bniedem ma jirrassenjax ruħu għat-telfien ta' żgħużitu. Hija waħda mill-kuntradizzjonijiet traġiċi tal-ħajja li għalkemm il-bniedem jixjieħ, xorta jibqa' jħoss it-tqanqiliet ta' żgħużitu. Għal din il-poeżija l-poeta jagħżel pass mexxej donnu biex jagħti ħjiel tat-taħbit ta' qalbu għat-tifkira ta' żgħużitu. Issa f'"Għadda Wisq Żmien" Chetcuti jmur lura mhux għal żgħużitu iżda għal tfulitu u jqabbel dak iż-żmien ta' safa ma' issa li qed joqrob lejn il-ħamsin. Hija waħda mill-poeżiji l-aktar ta' swied il-qalb li għandu.

Fuq spallti mbenġla
qed narfa' l-lum kull ħin, u nkarkar
ma' kull pass li nagħmel
Is salib tqil li Alla tani.

Ma naħsibx li wieħed ikun qed jonqos mir-rispett jekk igħid li ma kienx qed jistenna dan mill-poeta. Mill-ftit li nafu dwar il-bijografija ta' Chetcuti jidher li huwa raġel maħbub u mdawwar mill-familja, rispettat fuq ix-xogħol u stmat bħala kittieb. La għamel żwieġ diżastruż l-anqas m'hu mmankat. Ġejjin minnu, dawn il-versi bħallikieku ma jikkonvinċux.

Aktar qawwija u tikkonvinċi hija l-poeżija "Id-dawl Qed Igħib". Fiha l-poeta jilgħab fuq it-tliet tifsiriet tal-kelma "dawl", jiġifieri d-dawl tal-għajnejn, tal-jum u tal-ħajja. Fil-poeżija l-awtur jindirizza 'l Alla u għalhekk jagħmel minnha talba. Fiha (jekk m'inix naqra ż-żejjed) il-poeta jidher maħkum mill-biża' ta' mewta qasir il-għomor, l-aktar minħabba li b'hekk iħalli warajh tifel ta' seba' snin.

X'hemm isbaħ, Alla tiegħi, Alla tad-dawl,
mit-tbissima safja fuq il-wiċċ ċkejken
ta' tfajjel ta' seba' snin?

Minn dawn il-poeżiji li kkwotajt jidher ċar li hemm aktar minn xrara ta' niket fi "Il-Hajja Nżul u Tlajja". Barra minn dawn hemm oħrajn fejn it-tema hi d-delużjoni tal-ħajja, oħrajn fejn għall-kuntrarju ta' "Id-Dawl Qed Igħib" Chetcuti jistieden il-mewt, u madwar seba' poeżiji li jien ikklassifikajt taħt it-titlu ġeneriku — tħallix id-dinja tidħak bik. Dawn jistgħu jiġu rappreżentati mill-iqsar waħda fosthom li tiġbor fiha l-qawwa ta' epigramm. Din għandha t-titlu ta' "Dlam".

Mulej, bija ma dħaktx
Minn qabel rajt id-dawl tad-dinja
Inti wrejtni
li l-ħajja hi kollha dlam.

Fiha Chetcuti ħa l-ġuf, is simbolu tal-ħajja u ġabu jirrappreżenta l-verità fil-waqt li jqis id-dawl tad-dinja bħala s-simbolu tal-qerq.

Poeżija oħra li titkellem dwar l-illużjoni u l-qerq tal-ħajja hi "Il-Ħena". Il-punt prinċipali ta' din il-poeżija hu li l-bniedem jorbot qalbu ma' din id-dinja u għalhekk it-traġedja joħloqha huwa stess għalih innifsu meta ma jsibx dak li ttama se jsib. Iżda l-ironija tal-ħajja tamar li jġarrab kemm iġarrab niket, il-bniedem xorta **jibqa'** jgħix bit-tama.

Igħidu kritiċi bħal Robert Penn Warren u Cleanth Brooks li l-poeżiji fejn il-kittieb jikkommetti ruħu mingħajr riserva f attitudni esklussiva bħal ngħidu aħna l-imħabba, l-ammirazzjoni jew l-idejal ikun qed jistieden l-ironija tal-qarrej. Mill-banda l-oħra l-poeżiji l-kbar huma borqmin għall-ironija għax għandhom ġo fihom l-għarfien tal-poeta nnifsu li jeżistu xejriet oħra opposti u komplementarji. Bil-ħila ta' mgħallem, Chetcuti joħroġ dan il-paradoss tal ħajja: li l-illużjoni dwar il-passat tgħix spalla ma' spalla mat-tama għalli ġej.

Tibqagħlna biss
imqabbda ma' l-egħruq ta' qalbna.
it-tifkira ta' l-illużjoni
u t-tama li għad tixref
fix-xefaq imdallam tal-ħajja.

Iżda jmur imqarraq min jaħseb li l-imrar tal-ħajja jew il-pessimiżmu hija n-nota predominanti tal-ktieb. Ta' l-anqas Chetcuti jżomm bilanċ tajjeb bejn poeżiji ferrieħa u oħrajn ta' swied il qalb. F "Aktar Xi Trid?" insibu nota qawwija ta' tama li titberred biss fl-aħħar parti. Igħid Chetcuti: Id-dinja sabiħa. Kemm tista' tkun isbaħ kieku l-bnedmin iħallu 'l xulxin igawduha. Min għalija kien Jean Paul Sartre (meruni jekk għandi żball) li qal "L'enfer c'est les autres" (L-infern hija n-nies).

— Aktar xi rrid?
Irrid il-paċi!
Irrid il-libertà! —

F'din il-vina kien Chetcuti meta kiteb "Il-magna infernali", għalija waħda mill-aqwa li għandu. Fil-qosor tagħha l-poeżija tbaqbaq bil-għadab għall-ħażen kollu li ħoloq il-bniedem. F'nofs din il-poeżija l-kittieb daħħal ġmiel ta' metafra li twaqqfek bi skoss għax għandha minn oxymoron. Il-poeta qed jitkellem fuq il-magna infernali.

ħadimha l-bniedem b'idejh
fuq l-inkwina ta' qalbu
bil-għira u bil-mibegħda...

L-irtubija tal-qalb inbidlet fl-ebusija tal-ħadid. Kemm ħi isbaħ milli kieku l-poeta qalilna "fuq il qalb taż-żonqor". U kemm hi tassew ħasra li fi bnadi oħra Chetcuti aċċetta li jdaħħal tixbihat mimgħuda meta b'metafra bħal din li għadni kemm semmejt juri biċ-ċar il-fertilità ta' moħħu.

Poeżija oħra ta' natura ferrieħa huma "In-Newl", "U Ssaltan l-Imħabba fid-Dar" u "Haġa Waħda Nitolbok". Forsi mhux qiegħed inkun eżatt meta nsejjaħ din ta' l-aħħar poeżija ferrieħa. Aktar jixirqilha tissejjaħ "Ta' paċi", "ta' wara l-maltemp". Il-poeżija tiftaħ b'deskrizzjoni ta' pjanura u f'dak il-kwiet u l-paċi l-poeta jitkellem mal Ħallieq. Huwa jitolbu maħfra talli

L-għajn imċajpra bid-dmugħ
xi drabi titlef id-dehra Tiegħek,

u jispiċċa billi jitolbu l-kwiet li jnissel fil-bniedem is-serħan tar-ruħ. Din it-teżi li l-ambjent (temp, staġun, paċi tal-kampanja) għandhom setgħa moħbija fuq ix-xejra (burdata) tal-bniedem tinsab imxerrda f'diversi poeżiji, ngħidu aħna "Kieku Kont Iżgħar", iżda tinsab b'mod speċifiku fil-poeżija "Ir-Riħ" mibnija fuq kuntrast bejn riħ qawwi u riħ ħafif fejn tat-tieni għandu l-effett li "dak il-ħin il-qalb tħossha timtela "bil-ferħ u s-saħħa".

Iżda jekk hemm poeżiji ta' niket u oħrajn ta' ferħ hemm imbagħad poeżiji fejn it-tnejn jitħalltu flimkien biex jiffurmaw il-ħajja kif nafuha lkoll. Ma ninsewx li t-titlu tal-ktieb jissellef l-idea ta' dgħajsa qed tikkumbatti mal-maltemp daqqa' tielgħa u oħra nieżla. (Ara Kelmtejn Qabel).

Fuq il-bażi ta' dan il-ħsieb Chetcuti kiteb il-poeżija "Bħal Medda Baħar" fejn għandu ħsieb sostnut u sensiela ta' tixbihat li jorbtu tajjeb ma' xulxin. Hekk il-ħajja jistħajjilha medda baħar, l-inkwiet tal-ħajja jqabblu ma' baħar imqalla', l-alturist huwa dak li jwieżen lill-ieħor, l-egoist dak li jgħaddas lill-ieħor. Insistejt fuq il-ħsieb sostnut ta' dil-poeżija għaliex f'dik ta' qabilha, jiġifieri "Il-Ħajja Hi Ħolma" Chetcuti daħħal geġwiġija ta' tixbihat li tellfu l-preġju tagħha.

Fost il-poeżiji li qatt ma jonqsu li jolqtuni (u hawn qed inkun soġġettiv) huma dawk li jittrattaw swied il-qalb b'mod vag, jiġifieri mingħajr ma jfittxu li jagħtu raġuni. Kultant jiġu mumenti fuq kull bniedem meta jħoss dieqa f'qalbu bla ma jista' jfisser għaliex. Fil-poeżija "Vjolin" Chetcuti jagħtina x'naħsbu li d-dieqa ġiet imqanqla minn vjolin qed idoqq xi biċċa mużika emozzjonali. Minnufih il-poeta jqabbel il-mużika b'mod impressjonistiku ma' storja ta' mħabba mhux

imwettqa. Ta' min jiftakar li Chetcuti jdaħħal il-Vjolin f mill-anqas żewġ drammi tiegħu — "Imħuħ Morda" u "Il-Kerrejja" u bħallikieku għollieh għal-livell ta' simbolu personali. Iżjed vaga u mistika hija l-poeżija "Gawwi" li tħalli bħal seħer fuq il-qarrej għax donnha bħal "La Belle Dame Sans Merci" ta' Keats vaga b'intenzjoni. Bħall-gawwi aħna, igħid l-awtur:

infittxu fit-taqlib tad-dinja
nnaqqru xi ħaġa ħa ntaffu
il-kilba li qed therri 'l qalbna.

X'inhi eżattament din il-kilba, jekk hix ġuħ spiritwali, fiżiku jew mentali, il-poeta jibqa' ma jgħidx.

Barra minn dawn il-poeżiji li semmejt Chetcuti għandu bosta oħrajn tajbin fosthom "Omm", "Il-Pupa" u "Mara" li jistgħu jitqiesu bħala triloġija għax jittrattaw l-istess suġġett minn lat differenti. "Il-Pupa" hija fuq bint il-poeta li hija u tilgħab bil-ġugarell tagħha bla ma taf turi lil missierha li l-istint ta' omm ġa beda jiżviluppa fiha, filwaqt li "Mara" tfaħħar lil dawk l-ommijiet li jiċċaħdu minn kollox biex jaraw il-familja ma tkun nieqsa minn xejn.

Hemm imbagħad poeżiji deskrittivi. "Id-Dar tal-Faqar" hi waħda minnhom biss ma tgħid xejn li ma ntqalx diġà. Ħafna aħjar hija "L-Isqaq" li setgħet serviet bħala prologu għad-dramm ta' l-istess awtur "Il-Kerrejja". Hija poeżija mibnija fuq it-tlaqqigħ ta' kliem oppost, fuq il-koeżistenza tal-ħażin u t-tajjeb fl-istess triq, fl-istess dar. "U Ssaltan l-Imħabba fid-Dar" hi fil-fehma tiegħi l-aħjar waħda fost il-poeżiji deskrittivi għaliex imżejna bir-ritmu u bir-rima.

Il-parti l-kbira tal-poeżija f'din il ġabra hija miktuba b'vers ħieles u mħallat fejn ir-rima tiġi bħal sorpriża. Ir-ritmu drabi jinħass qawwi (Is-Siparju) u drabi jinħass ftit li xejn bħal f'"Fil-Għabex tal-Ħajja", għalkemm hawn in-norm jidher li hu l-vers tas-sebgħa.

Iżda mbagħad hemm numru żgħir ta' poeżiji bi stil tradizzjonali mibnijin fuq vrus imkejla u rima regulari. Fil-poeżija "Omm" insibu versi tal-għaxra jalternaw ma' versi tas-sitta, u l-kliem jirrima rig iva u rig le. "Ix-xorti", "Xiħ u Xiħa" u "Il-Logħob" għandhom dejjem versi tas-sebgħa bit-tieni vers jirrima mar-raba' f'kull strofa. Il-poeżija "Tmenin" miktuba b'kumpliment lil Ninu Cremona għal egħluq sninu wkoll tmur ma' dawn. F'din il-poeżija imma nsibu wkoll xi ħaġa ftit jew wisq oriġinali għax għandek issib xi ismijiet ta' kotba ta' Cremona mraqqda bħala versi f'uħud mill-istrofi.

Fl-aħħarnett fil-poeżija "Triq Irjali" Chetcuti jitlaq il-vers tas-sebgħa li ħaddmu f'ħames poeżiji u jittanta l-vers tas-sitta b'suċċess, għax biħ jirnexxielu jirreġistra l-pass mgħaġġel tan-nies telgħin u nieżlin quddiem il-kafe' fejn il-poeta qed jitkellem ma' sieħbu kittieb ieħor.

Ngħid is-sew, xtaqt sibt fil-Volum li tana Chetcuti dawk l-irqaqat li tant isebbħu l-poeżiji, bħal ngħidu aħna assonanza, alliterazzjoni u rima ġewwinija. Sibt xi każi 'l hawn u 'l hinn bħal fil-vers "Nofs il-lejl, **ħin** ta' skiet divin" imma xtaqt li kienu aktar spissi. Iżda għal dawn in-nuqqassijiet żgħar ipatti l-kontenut għax numru ġmielu mill-poeżiji għandhom ħsieb sabiħ u ħafna drabi għoli u dawk it-tixbihat kull tant li jżommuk bil-ġmiel u l-oriġinalità tagħhom.